**Qorti tal-Appelli Kriminali**

Onor. Imhallef Dr Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 374/2011

Il-Pulizija

vs.

Paul Piscopo

Illum, 3 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat.Paul Piscopo numru tal-karta ta'l-identita 114162(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. fl-14 ta' Ottubru 2009, gewwa Delimara, kontra l-ligi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, zbarka jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam li jigu zbarkati minn fuq il-bastiment MVF Alexandra 1, u/jew kif ukoll xjentement, iddispona minn 6000 litru diesel (gasoil) bla dazju, liema diesel instab gewwa Marsaxlokk, wara intervent u tfittxija mill-Ufficjali tad-Dwana fit-trakk bin-numru CBG 731. Dan il-fuel ghandu valur ta' euro 2220 u dazju tas-sisa u kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud li jammontaw ghal euro 2114 u euro 780 rispettivament.
2. sussegwentement, fl-istess data, lok u cirkostanzi, gewwa Delimara, wara intervent u tifttxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana fuq il-bastiment MFV Alexandra I, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam fil-habi jew depositu ta' 14000 litru diesel (gasoil) bla dazju, u dan, bil-hsieb li jigi frodat il-Gvern ta' Malta minn dazju u taxxa li jkun imiss jithallsu fuqu, u/jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-dwana dwar

dan il-fuel. Dan il-fuel ghandu valur ta' euro 5180, dazju tas-sisa u kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud li jammontaw ghal euro 4934 u euro 1822 rispettivament.

3. dawn l-20,000 litru fuel li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa projbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu valur totali ta' euro 7400, dazju tas-sisa kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud dovuti jammontaw ghal euro 7048 u euro 2602 rispettivament – liema dazju u taxxa dovuti ma gewx imhallsa jew kawtelati;
4. bi ksur ta'l-artikoli: 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XXIII tal-1998); 60(a)(b)(c)(h)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 69(1)(2) tal-Kap.37; kif ukoll 16(l)(j)(n) u 17(a) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kap.382.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Settembru 2011 fejn l-appellat Paul Piscopo gie lliberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-Avukat Generali ipprezentat fit-03 ta' Ottubru 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi bl-inkluzjoni tas-sekwestru tal-bastiment, tat-trukk u tal-fuel/gasoil go fihom ai termini tad-disposizzjonijiet relevanti ghal dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravvji tal-appellant Avukat Generali.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat mid-decizjoni appellata billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata tal-fattispecje tal-kaz fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw l-akkuzi addebitati lill-appellat. Illi l-fatti tal-kaz ma jidhrux li huma in konstestazzjoni u dan meta jirrizulta illi gie intercettat trukk bin-numru CBG731 mill-ufficjali tad-dwana fl-ghodwa tal-14 ta' Ottubru 2009 igorr 6000 litru fuel/gasoil f'sitt tankijiet ta' 1000 litru kull wiehed liema fuel kien qed jigi trasferit minn bastiment bl-isem MFV Alexandra I ghal fuq dik maghrufa bhala "Madonna di Pompei" it-tnejn appartenenti lill-appellat. Dan il-fuel kien qed jigi trasferit minghajr ma thallas d-dazju u t-taxxa fuq l-istess. Fuq il-bastiment kien ghad fadal madwar 14000 litru iehor.

Illi l-Artikolu 4 Kap.382 kif kien vigenti fiz-zmien tal-allegat kummissjoni tar-reat kien jiddisponi illi "*oggetti dazjabbli jkunu soggetti ghad-dazju filwaqt tal-produzzjoni taghhom, jew tal-importazzjoni taghhom f'Malta*", bid-dazju tas-sisa jrid jithallas "*meta jsir ir-rilaxx ghall-konsum jew meta jkunu registrati xi nuqqasijiet.*"

Bit-terminu "rilaxx ghal konsum" jinghata t-tifsira fl-artikolu 2(c), fost ohrajn "*kull importazzjoni ta' oggetti dazjabbli, inkluza l-importazzjoni irregolari fejn dawk il-prodotti ma jkunux tqieghdu taht arrangament ta' sospensjoni.*"

L-appellat jargumenta izda illi il-fuel li instab fil-*fishing vessel* Alexandria I kien ezenti minn kwalunkwe hlas ta' dazju u taxxa billi dan kien fuel uzat f'bastiment ghas-sajd u ukoll ma kienx intiz bhala *fuel* ghal konsum tal-pubbliku izda ghal uzu personali tieghu sabiex b'hekk allura ma kienx hemm taxxa fuq il-valur mizjud x'jithallas fuq dan il-prodott. Jikkontendi illi dan il-fuel kien parti mill-

akkwist tal-bastiment tas-sajd Alexandria I mill-Egittu fejn il-prezz ta'l-istess kien jinkorpora allura kull taghmir li kien hemm fuqu nkluz il-fuel.

Jinghad biss illi fil-kors tat-trattazjoni tal-kaz u allura ukoll fil-mori tas-smigh ta' dan l-appell, l-appellat beda jikkontendi illi l-fuel misjub kemm fit-trukk CBG731 kif ukoll fil-bastiment Alexandria I ma kienx konsistenti f'diesel izda fil-maggior parti tieghu kien konsistenti f'ilma u *sludge*.

Ghal dan il-ghan gew mahtura bhala esperti il-Professur Alfred Vella li aktar tard kompla fl-inkarigu lilu moghti Dr. Daniel Vella u dan sabiex jikkonstataw il-komposizzjoni tal-likwidu misjub allegatament diesel.

Illi jibda biex jinghad illi meta gie intercettat il-fuel allegatamet diesel kemm fil-vettura trukk misjuq minn Charlot Abela kif ukoll fil-bastiment Alexandria I ma giet imnehdija ebda inkjesta magisterjali bl-Ufficjali tad-Dwana u s-Sisa jmexxu bit-tfittxijiet u qbid tal-oggetti mertu tal-investigazzjoni u bl-elevazzjoni tal-kampjuni tal-fuel kemm mit-trukk kif ukoll mill-bastiment. Fil-fatt fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tat-13 ta' Lulju 2010 Martin Debattista rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana ezebixxa formalment bowser, diesel u bastiment tas-sajd, bil-kampjuni tad-diesel li kienu gew elevati minn certu Carmel Attard enforcement officer mad-Dipartiment tad-Dwana x'aktarx jigu esebiti biss formalment. Dan qed jinghad ghaliex wara li gie nominat il-Professur Alfred Vella mill-Ewwel Qorti bhala espert, dan ix-xhud ghadda dawn il-kampjuni direttament lilu. Illi x-xiehda ta' Carmel Attard ma gietx traskritta quddiem l-Ewwel Qorti u hemm indikat fil-verbal biss illi x-xhud ezebixxa erba dokumenti u cioe' Dokument CA1 sa CA4, izda huma biss id-Dokumenti CA1 u CA2 li jinsabu fl-atti biex b'hekk din il-Qorti ma tafx x'kien il-kontenut taz-zewg dokumenti l-ohra u jekk dawn kenux jikkonsistu fil-kampjuni elevati. Jinghad biss illi mir-rapport tal-espert Vella, kif inghad, u mix-xiehda tieghu jidher illi dawn il-kampjuni gew mghoddija direttament lilu minn dan ix-xhud u mhux

mir-registratur tal-qorti biex b'hekk din il-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni li dawn qatt ma gew fizikament ezebiti in atti.

Mhux biss izda fis-sena 2012 l-fuel gie trasferit mill bastiment ghal gewwa tankijiet fejn hemmhekk ukoll gew elevati xi kampjuni mill-ufficjali tad-Dwana liema ezercizzju wkoll ma sarx taht l-awtorita tal-Qorti, ghalkemm f'dan l-istadju il-proceduri kriminali pendenti kontra l-appellat kienu diga' fuq saqajhom u jinsabu fi stadju avvanzat. Dan ifisser illi l-kampjuni kollha elevati qatt ma gew ezebiti fizikament il-Qorti u allura kkustoditi taħt l-Awtorita' taghha b'dawn il-kampjuni jigu mghoddija direttament lill-espert mill-ufficjal tad-Dwana innifsu li kien qed jikkustodiehom.

Dan maghdud din il-Qorti issa fi stadju ta' revizjoni hatret mill-gdid lil Professur Alfred Vella sabiex jistabbilixxi jekk il-kampjuni elevati fis-sena 2012 u dawk elevati *a tempo vergine* minn fuq it-trukk u il-bastiment kenux ta' l-istess komposizzjoni u konsistenza u jekk dawn kellhomx xi kontenut ta' ilma gewwa fihom. Billi l-Professur Vella ma setax jespleta l-inkarigu moghti lilu, il-Qorti hatret minfloku bhala espert lil Dr. Daniel Vella li fir-rapport tieghu jasal ghas-segwenti konkluzjoni rigward il-komposizzjoni u l-konsistenza tal-likwidu minnu ezaminat allegatament diesel mahzuna f'erbatax-il kontenutur IBC:

> **"It-tankijiet tal-IBC bin-numri 1,3,4,6,9 u 12 instab fihom biss ilma.**
>
> **It-tankijiet tal-IBC bin-numri 7 u 8 instab fihom biss l-isludge.**
>
> **Instab id-diesel bejn 23% u 77% fil-bqija tat-tankijiet, cioe' fit-tankijiet bin-numri 2, 5, 10, 11, 13 u 14 instab id-diesel imhallat mal-ilma. L-ammont ta' diesel f'dawn it-tankijiet kien ivarja minn 23% (tank bin-numru 10) sa 77% (tank bin-numru 14)**
>
> **Mil-volum totali ta' 12,652.2L likwidu maqbud f' 14-il tank tal-IBC, 9330.7L minnhom jew 78.5% tal-likwidu kien jikkonsisti f'ilma, filwaqt li l-bqija 2722.5L jew 21.5% kien jikkonsisti f'diesel."**

Illi mill-atti allura jemergu is-segwenti fatti probatorji:

1. Illi l-bastiment li fuqu kien mahzun l-oggett dazjabbli u cioe' dak allegatament diesel kien bastiment tas-sajd li kien ghadu kemm inxtara mill-appellat u li kien gie trasferit Malta. Dan jirrizulta mix-xiehda tal-appellat u d-dokumenti ezebiti minnu[1].
2. Illi l-prezz tal-bastiment kien jinkludi it-taghmir kollu li kien hemm fuqu nkluz il-fuel mahzun fit-tankijiet tieghu.
3. Il-bastiment kien jenhtieglu li jsirulu xi riparazzjonijiet qabel ma jigi uzat mill-appellat fin-negozju tieghu tas-sajd u dan kif jirrizulta mis-*survey report* ta' Anthony Dalli ikkummissjonat mill-appellat[2].
4. Illi l-appellat kien qed jipprova ibattal it-tankijiet tal-fuel tal-bastiment li minnhom lehaq inhatt 6000 litru meta dan gie intercettat mill-ufficjali tad-dwana fuq it-trukk misjuq minn Charlot Abela fl-ghodwa tal-14 ta' Ottubru 2009.
5. Illi skont ir-rapport tal-espert Professur Alfred Vella l-komposizzjoni tal-fuel li kien hemm fil-bastiment u fit-tankijiet tat-trukk kienu identici.
6. Illi gie stabbilit mill-espert Dr. Daniel Vella li ezamina l-kontenituri kollha tal-likwidu maqbud u mizmum mill-bastiment Alexandria I li dan kien fil-maggior parti tieghu jikkonsisti f'ilma u *sludge*, b'21.5% biss mil-volum kollu kien jikkonsisti f'diesel ammontanti ghal 2722.5L

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma illi l-ebda wahda mill-akkuzi ma jistghu jirrizultaw ippruvati la legalment u lanqas fattwalment. Illi jibda biex jinghad illi ma hemm l-ebda prova in atti li l-appellat kellu l-intenzjoni jittrasferixxi l-fuel li kellu fuq il-bastiment Alexandria I lil terzi. L-appellat fil-fatt jikkontendi illi dan il-fuel kien ghal uzu personali tieghu u cioe' sabiex jopera l-bastimenti tieghu tas-sajd. Fil-fatt l-appellat irnexxielu jipprova fuq bazi ta' probabbilita' illi dan il-fuel kien jifforma parti mill-bastiment Alexandria I akkwistat minnu mill-Egittu u trasportat lejn Malta. Dan il-fuel kien ser jitbattal minn dan il-bastiment ghal fuq il-bastiment iehor proprjeta tal-

[1] Fol.69 sa 82 tal-process
[2] Fol.79 et seq. tal-process tiswijiet lit-tankijiet tal-fuel indikati a fol.82

appellat bl-isem "Madonna ta' Pompei" u dan billi kien jenhtieg li jsiru xi riparazzjonijiet fuq il-bastiment Alexandria I.

Illi l-artikolu 9 tal-Kapitou 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghall-esenzjoni mit-taxxa ghal dawk il-provvisti li ghalihom tapplika l-Ewwel Taqsima tal-Hames Skeda fejn fl-artikolu 6 hemm l-esenzjoni fir-rigward ta' bastimenti li jbahhru fosthom bastimenti uzati ghas-sajd u t-taghmir uzat fihom. Illi din l-esenzjoni hija applikabbli ukoll taht il-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' fuel uzat ghal ragunijiet ta' sajd[3].

Illi maghdud dan jirrizulta fuq kollox illi l-oggett dazjabbli fil-fatt fil-maggior parti tieghu kien jikkonsisti f'ilma u mhux diesel kif allegat mill-Prosekuzzjoni biex b'hekk anke f'dan ir-rigward l-akkuzi lanqas ma jistghu jissussistu stante illi fil-maggior parti tieghu l-ilma u is-*sludge* li instab certament ma hux dazjabbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.
(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[3] L-Ewwel u r-Raba Skeda ta'l-Att